KUNSILL LOKALI | KALKARA | LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 06/2020

13 ta' Mejju 2020

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' formalment online fuq il-pjattaforma ta' zoom minhabba ic-cirkostanzi prezenti (i.e. Covid 19), fis-1:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chricop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Nil

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**6.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

6.1.1 Ma kienx hemm

**6.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

6.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 5 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

6.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sur Christopher Bruno il-minuti ġew approvati unanimament

**6.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

**6.3.A** **A** Is-Sindku informa l-Kunsill kif is-Seg Eżek kienet qed tikseb kwotazzjonijiet formali mingħand kumpaniji privati biex tinġieb stima formali fuq kirja ta' van biex jintuża għal bżonnijiet tal-kunsill la darba l-istess kunsill m'għandux van tiegħu biex ikun jista' jopera x-xogħolijiet ta' kuljum bħal pereżempju ġarr ta' materjal u żebgħa eċċetra.

Is-Sindku żied jgħid illi din hija spiża ta' bżonn għaliex ma jistax ikun illi l-ħaddiema jużaw il-vannijiet karozzi tagħhom personali waqt il-ġurnata tax-xogħol tagħhom il-kunsill.

Huwa saħaq illi jekk ħaddiem partikolari jiddeċiedi li jitlaq mill-Kunsill Lokali Kalkara ser nispiċċaw lampa stampa u ser ikollna problema biex il-ħaddiema jkomplu l-ħidma tagħhom ta' manutenzjoni fuq barra.

Is-Sur Chris Bruno isuġġerixxa li l-istima għandha tinġieb fuq perjodu ta' sena 'l għaliex jaf ikun aktar jaqbel il-kunsill mill-att ta' spejjeż u polza assigurattiva.

Fuq nota oħra s-Sur Bongailas ser ikun qed jagħti d-dettalji lis-Seg Eżek wara li hu stess isuġġerixxa illi bħala kunsill għandha tintalab rikjesta formali lill-Gvern Ċentrali biex b'hekk bħala kunsill nibbenefikaw minn driver u van għal konvenjenza tal-kunsill stess. Is-Seg Eżek talbitu jġib informazzjoni jew xi tip ta' kuntatt ta' liema dipartiment hija trid tkellem biex dan iseħħ.

Is-Sindku żied jgħid illi din il-problema trid tiġi solvuta b'riżorsi oħra wara illi t-talba ta' E-van minn naħa tal-kumpanija 'shoreline' ma ġietx milqugħa minn naħa tal-planning authority fuq il-bażi illi l-van ma jaqax taħt il-kriterji tal-contingency money li din il-kumpanija għandha trodd il-kunsill f'dan l-istadju.

B Is-Sindku informa l-kunsill illi f'dawn l-aħħar jiem ikkomunika mac-chairperson tal-kurja primarja biex anki bħala kunsill inkunu nafu fejn qegħedin visavi il-kwistjoni tal-berġa / sit ġdid li kellu jibda jitranġa fiż-żmien li ġej. Huwa kkonferma illi minħabba s-sitwazzjoni preżenti jiġifieri l-pandemija Covid 19 ix-xogħolijiet ġew posposti bi ftit xhur ħabba raġunijiet ovvji minn naħa tal-kura primarja pero' ser ikunu qegħedin jinbdew dalwaqt mix-xahar ta' Ġunju 2020.

Is-Sindku żied jgħid illi permezz tal-ħaddiema tagħna ser inkunu qegħedin niżvujtjaw is-sit minn xi affarijiet li hemm fil-preżent wara li ġibna awtorizzazzjoni formali mingħand il-persuna li kienet tokkupa l-post f'dawn l-aħħar snin.

Fl-istess ħin il-kunsill ġie infurmat illi l-problema ta' ilma / drenaġġ ħiereġ għal ġol uffiċini amministrattivi ġiet solvuta wara korrespondenza sħiħa mal-awtorita' tal-housing kif ukoll mal-Lands Authority, fejn dawn tal-aħħar bagħtu l-ħaddiema minn naħa tagħhom u sewwew fejn setgħu. Fil-jiem li ġejjin ser ikunu qegħedin jinkludu l-iskeda ta' xogħolijiet tagħhom aktar manutenzjoni u tranġar li hemm bżonn fis-shafts tal-istess uffiċju amministrativ tal-kunsill biex b'hekk tiġi tranġata l-problema darba għal dejjem.

C Is-Sindku informa l-kunsill b'bin li tweħħel fl-aħħar jiem fi Triq Marina fejn l-atm tal-bov in-naħa ta' Esplora wara li nġiebet approvazzjoni formali minn naħa ta' MCST biex b'hekk bniedem ikun jista' jarmi faċilment ingwanti / maskri u dak kollu li jkollu bżonn sakemm huwa qed jiġbed il-flus. Tajjeb li wieħed jgħid illi dan il-bin tweħħel wara ilmenti fuq il-midja soċjali fejn is-Sindku laqa' t-talba/ suġġerimenti ta' ħafna nies fuq dan ir-rigward

D Is-Sindku faħħar ix-xogħol siewi li qegħedin jagħmlu l-ħaddiema assenjati magħna għal perjodu temporanju minn naħa ta' OZO Group fejn għal dawn l-aħħar xhur qegħedin jagħmlu xogħol impekkabli fejn jidhol tindif u manutenzjoni b'żieda ma' dak illi l-ħaddiema tal-kunsill ta' kuljum jagħmlu. Dawn il-ħaddiema huma bonus għal kunsill fejn qed isir ħafna iktar xogħol minħabba l-fatt illi 10 ħaddiema huma extra f'dawn il-jiem. Fl-istess ħin is-Sindku talab il-kunsilliera illi jekk ikun hemm xi suġġerimenti validi fejn dawn il-ħaddiema jistgħu jagħtu daqqa ta' id tajjeb li jkellmu lilu minnufih.

Is-Sur Vince Bongailas talab illi jekk hu possibli dawn il-ħaddiema jintbgħatu n-naħa ta' Triq Luigi Pisani fiż-żona tal-cat café kif ukoll tinżebaħ kolonna antika li

qiegħeda fl-istess żona. Is-Seg Eżek ikkonfermat illi dik l-imsejħa kolonna hija Wirt Storiku u ma jistax wieħed jaqbad jiżboħ kif ġib u laħaq imma jridu jinġiebu l-permessi kollha neċessarji qabel ma' wieħed ikun jista' jagħmel manutenzjoni fuqha. Hija qalet ukoll fejn hawnhekk ikkonfermat il-kunsilliera Speranza Chircop illi fil-leġislatura li għaddiet kienu diġa' intbgħatu xi emails fuq din il-kolonna u fuq oħra li qiegħeda Triq Marina lill-rehabilitation Kottonera għaliex dawn l-affarijiet kienu jaqaw taħtom dirett.

Is-Sinjura Speranza Chircop talbet biex dawn l-ħaddiema jintbgħatu Triq l-Isptar Navali fejn hemm għalqa tal-gvern fejn fi żmien li hija kienet Sindku ġieli ġiet imnaddfa ,mill-ħaddiema tal-kunsill.

Is-Sinjura Sultana apparti li faħħret u rringrazzjat il-dawn il-ħaddiema tal-OZO group formalment issuġġerit illi kif diġa' sar anka b'mod volontarju minn naħa tagħha jingħatalom xi tip ta' ringrazzjament minn naħa tal-kunsill. Hija saħqet illi lesta li terġa' tgħin biex dan iseħħ.

**E** Is-Sindku informa l-kunsill dwar laqgħa li kellu fuq is-sit/ żona tar-rikasoli eżatt fejn il-Malta Film Commission dan wara li hu stess kien beda jirċievi lmenti fuq il-periklu li hemm fiż-żona speċjalment għal karozzi li jidħlu fl-inħawi fuq sur li kważi wasal biex jaqa'. Is-Sindku żied jgħid illi ż-żona qed tintuża minn ħafna għawwiema u sajjieda fejn kważi kważi din iż-żona kienet qeda tifforma bajja oħra barra dik li l-Kalkara għandaa fir-Rinella. Il-fatt li din iż-żona qed tiġi ffrekwentata minn ħafna nies qed tiġġenera problema bħal skart li jitħalla fuq il-post, periklu li xi ħadd iweġġa' u ħafna aktar. Is-Sindku żied jgħid illi wara l-laqgħa li kellu mal-awtoritajiet tal-artijiet huwa kien qed jisuġġerixxi illi din iż-żona tiġi koperta b'tabelli ta' periklu kif suppost kif ukoll jingħalaq l-aċċess għal karozzi bħala sigurta' għalihom stess. B'hekk ukoll jitnaqqsu l-abbużi li qed ikun hemm ukoll fiż-żona. Din għandha tiġi żona meqjusa bħala waħda ristretta.

**F1** Il-kunsill approva unanimament applikazzjoni li ġiet mibgħuta lill-kunsill minn naħa tal-AKL kif ukoll minn naħa tal-bank bov biex il-kunsill ikollu aċċess għal internet banking b'kontroll assolout li jinkludi bank transfers u dak kollu relatat mal-pagamenti li l-kunsill joħroġ dejjem bl-approvazzjoni tas-Sindku u s-Seg Eżek.

**F2** Is-seg Eżek infurmat il-kunsill illi hija ġabet kwotazzjonijiet formali mingħand individwi idonji biex ikunu dpo fi ħdan il-Kunsill Lokali Kalkara hekk kif stipulat bil-liġi u anke kkonfermat mill-kummisarju tad-data protection. Hija saħqet illi persuna waħda bagħtet l-interess tagħha fejn dan huwa l-istess bniedem li sa issa kien qed jagħti s-servizzi tiegħu bħala dpo lejn l-istess kunsill.

Is-Sindku informa l-kunsill illi din il-kwistjoni kienet ukoll ġiet diskussa waqt laqgħa formali tar-Regjun Xlokk fejn ħafna kunsilli qablu illi r-reġjun għandu joħrog tender in komuni għal kunsilli kollha minħabba l-fatt illi l-ispiża tad-dpo fix-xahar hija waħda konsiderevoli meta tqabbel l-ammont ta' drabi fejn il-kunsill jiġi bżonn dan

s-servizz fil-verita'. Is-Sindku żied jgħid illi hu m'għandu xejn kontra l-individwu personali u qiegħed iħares lejn l-ispiża fix-xahar biex il-kunsill ikollu dpo.

Il-kunsill talab lis-Seg Eżek igib kwotazzjoni per hour ta' dan is-servizz u mhux monthly payment kif għandu bħalissa l-kunsill la darba dan l-individwu jaċċetta din ir-rikjesta.

**F3** Is-Sindku informa l-kunsill illi l-kumitat għat-tismija tat-toroq kienet qiegħed jevalwa l-applikazzjoni li l-kunsill bagħat fir-rigward ta' Triq Malta Rebbieħa u ser ikunu qiegħedin jibgħatulna d-deċiżjoni kif ukoll rikjesti sabiex issir laqgħa formali magħhom fuq dan ir-rigward fil-jiem li ġejjin hekk kif tgħid il-korrespondenza mibgħuta l-kunsill fil-jiem li għaddew.

**F4** Is-Sindku ġab quddiem il-kunsill korrispondenza b'talba minn naħa tal-kumitat tal-każin tas-Sagra Familja b'rikjesta li tittaqqab toqba fl-inħawi ta' Rinella viċin ir-roundabout li tagħti għal Triq Missjoni Taljana biex jitella' arblu u jintuża minn naħa tagħhom biex jitellgħu bnadar għal konvenjenza tagħhom.

Wara li s-Sindku staqsa għal opinjoni tal-kunsilliera u sema' mingħandhom fuq dan ir-rigward huwa saħaq illi fil-fehma tiegħu dan l-arblu ser joħloq konflitt bejn iż-żewġ każini fir-raħal, kif ukoll diviżjoni fir-raħal. Huwa ta spjega illi r-raħal huwa ta' kulħadd u m'għandux ikun hemm naħat partikolari bħal ngħidu aħna l-biċċa tas-Sagra u l-biċċa tal-Malta. Huwa spjgea li din tan-naħat għandha teżisti biss fil-ġimgħa tal-festa għal fini ta' organiżżazzjoni ta' armar u xejn aktar. Dan l-arblu jista' jkun qed jiġi interpretat minn ħafna bħala arblu fit-territorju tas-Sagra fejn żgur li bħala kunsill m'għandux jippromwovi diviżjonijiet / territorji fl-istess lokal.

Wara din l-spjega, il-kunsill qabel illi din il-kwistjoni għandha tiġi diskussa maż-żewġ każini fuq il-fatt illi l-arblu ta' fuq il-mina tal-Kalkara sal-ġurnata ta' din is-seduta ma kienx għad hemm ftehim bil-miktub ta' min hu u mhux. Il-fatt li l-galetta tal-istess arblu hija ħamra tindika li dan l-arblu huwa tal-każin li jappartjeni lil Għaqda Mużikali San Guzepp, meta fil-verita' dak l-arblu l-kunsill dejjem ġie mgħarraf li huwa tiegħu, pero' sal- ġurnata tal-lum il-kunsill qatt ma kien ghamel l-ebda manutenzzjoni u kull darba li tkun trid tittella' l-bandiera tal-Kalkara dejjem il-kumitat ta' dan l-istess kazin imsemmi, ħa ħsieb li jagħmel dan.

Il-kunsill kollu qabel illi din il-kwistjoni għandha tiġi diskussa maż-żewġ każini bi struzzjonijiet / kundizzjonijiet ċari biex l-interpretazzjoni tal-arbli tkun waħda ċara għaż-żewġ każini. Ir-rikjesta ta' żieda ta' arblu minn naħa tal-każin tas-Sagra għandha tiġi on hold sakemm jiġu diskussi l-punti msemmija hawn fuq maż-żewġ każini.

6.4 a ( 5.3a Mill-minuti preċedenti )Is-sindku informa l-kunsill illi wara laqgħa formali flimkien ma' TM fejn dak li għandu x'jaqsam il-ports and yachting on site biex il-kunsill ikollu gwida formali fejn dan is-sea bin jista' jeħel mingħajr ma joħloq inkonvenjent fuq id-dgħajjes marbutin mal-mażżri li hemm fiż-żona ġie deċiż illi

tajjeb li wieħed iħalli xahar ieħor approx. Biex b'hekk jilħqu jinżlu d-dgħajjes kollha u jkun hemm viżjoni ċara taż-żona u liema huma dawk il-postijiet vakanti fejn jista' jeħel is-Seabin perse.

6.4 b ( 5.4/4.3c Mill-minuti preċedenti )Is-Sindku informa l-kunsill illi s-sit fi Triq il-Kapuċċini li huwa semma u li kellu f'moħħu biex jiġi bandli alternattiv fil-lokal huwa tal-privat u skedata għal art ta' bini, din l-informazzjoni ġiet ikkonfermata mill-awtorita' kkonċernata fuq l-artijiet.

6.4c ( 5.4b1 Mill-minuti preċedenti ) Is-Sindku qal li fuq suġġeriment tal-kunsilliera Maria Sultana huwa kien ħadem biex fil-jiem li għaddew inġiebu karattri jduru fit-toroq tal-Kalkara biex iferrħu t-tfal kif ukoll il-kantant famuż Fabrizio Faniello li għamel xi ħin fl-inħawi tal-housing estate taż-żona Luigi Pisani

6.4d ( 5.4b2 Mill-minuti preċedenti ) Is-Sindku informa l-kunsill dwar bowsers tal-ilma li xarrbu s-sit ta' kostruzzjoni fi Triq il-Kapuċċini fuq suġġeriment tal-kunsilliera Speranza Chircop nhar it-23 /04/2020.

6.4e ( 5.4b3 Mill-minuti preċedenti ) Is-Sindku informa l-kunsill illi nġiebet kwotazzjoni mis-Seg Eżek biex jitweħħel il-fanal ġewwa Sqaq Xprunara fejn il-kunsill qabel unanimament illi għandu jiġi ordnat u jitweħħel bil-permessi neċessarji skond il-liġi minn naħa tal-kuntratur tad-dawl tal-kunsill fil-jiem li ġejjin.

**6.4. a1** Is-Sur Vince Bongailas saħaq illi għandom jitweħħlu cameras kif għandhom kunsilli oħra fiż-żoni imsemmijin hawn taħt minn naħa tal-Lesa:

Rinella
Triq Marina ( viċin Esplora)

Is-Sindku qal illi huwa kien iċċekja mal-LESA fejn dawn ikkonfermaw illi l-ispejjeż tal-cameras iridu jiġu koperti mill-kunsill u ma jingħatawx b'xejn mill-LESA hekk kif kien qal is-Sur Bongailas anka f'laqgħat preċedenti. Huwa wkoll saħaq illi l-proċess biex titweħħel camera bl-approvazzjoni ta' dawn l-entitajiet u li tkun imqabbda mal-control room tagħhom huwa wieħed burokratiku immense. Is-sindku qal li camera partikolari ilha kwazi sena tiġi diskussa minnhu ma' din l-awtorita' u sal-ġurnata ta' din is-seduta kienet għadha mhux installata.

A2 Is-Sur Vince Bongailas qal illi ż-żona tax-Xewkija reġgħet intleit b'dgħajjes imkissrin u imbarazz tal-baħar ieħor bla permess fejn dawn qed ikerrhu l-ambjent kif ukoll jieħdu postijiet tad-dgħajjes oħra li forsi għandom Kalkariżi stess.

Is-Sindku talab lill-Vince jkellmu biex jagħmlu laqgħa fuq din il-materja biex jiġu diskussi dawn l-issues u l-way forward biex wieħed jibda jirranġa ż-żona.

A3 Dan il-punt ġie diskuss diġa' fil-punti preċedenti fejn is-Sur Bongailas reġa' għamel enfazi l-importanza li titweħħel camera mill-awtoritajiet ikkonċernata fiż-żona tal-Bajja ta' Rinella minħabba l-abbużi li qed ikun hemm speċjalment bil-lejl. Is-sindku wieġeb li l-installazzjoni tal-cameras fir-Rinella jaqbel magħhom u tiġa kellu kommunikazzjoni dwar dan. Hu wiegħed li ser jaħdem dwar dan sal-laqgħa li jmiss

6,4 b1 Is-Sinjura Chircop talbet lill-kunsill jikkunsidra attivitajiet bħal ma saru fix-xahar li għadda biex bħala kunsill inferrhu lir-residenti fiż-żona ta' Rinella Housing Estate wara talbiet li r-residenti ta' dawn l-inħawi għamlu lilha personali. Hija qalet ukoll illi kellha diġa' kantanta li offriet li tkanta bla ma l-kunsill iħallas miżata pero' bħala sound irid jiġi pprovdut ilha. Is-Sindku talab lill-kunsilliera Speranza Chircop tkellmu dwar dan biex jara jistax jirranġa xi ħaġa minn naħa tiegħu biex dawn in-nies li joqgħodu f'din iż-żona ikunu kuntenti ukoll.

6.4 c1 Is-Sur Chris Bruno saħaq illi wara li tgħaddi l-pandemija tal-Covid 19 tajjeb li l-kunsill taghna jibqa jaghmel uzu minn pjattaformi online li holoq il-Gvern Ċentrali u anki forsi jsib teachers li lesti jagħtu l-għajnuna tagħhom online lit-tfal li huma batuti fl-iskola bla ebda ħlas.

Is-Sindku prova jifhem dak li beda jipproponi l-kunsillier is-Sur Bruno u wieġeb illi din il-materja ta' website u taghlim online qed jiehu ħsieba l-Gvern Ċentrali u li l-kunsill m'għandu l-ebda ghodda biex jintervjeni jew jikmanda f'dan ir-rigward

Fl-istess ħin il-kunsilliera Maria Sultana saħqet illi bħala president tal-iskola primarja tal-Kalkara iltaqat ma' ħafna ġenituri li lmentaw fuq il-lezzjonijiet online il-għaliex huma ferm tedjanti għalihom. Hija wkoll qalet illi kienet qed taħdem diġa' fuq punt simili imsemmi hawn fuq ma' għalliema li lesti jagħtu l-għajnuna tagħhom lit-tfal mhux online. Din il-materja għadha qed tiġi diskussa u kif ikolla aktar informazzjoni konkreta ser tkun qed tgħarraf il-kunsill dwar dan biex b'hekk fis- Sajf it-tfal ikollom ċans jagħmlu extra work bil-għajnuna mistħoqqa.

.

**6.5** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

**6.5.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti minħabba l-fatt illi din is-seduta ġiet skedata online.

**6.5.2** Fuq proposta tas-Sa. Maria Sultana ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 5.20

**6.6** **Mozzjonijiet**

6.6.1 Ma kienx hemm

**6.7** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

6.7.1 Is-Seduta ntemmet fl-4:30 pm. wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal-10 ta' Gunju 2020 fl-4:00 pm.

Konfermati, illum ______________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv